ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

DOKUMENT TAS-SINODU DJOĊESAN



# DJAKONIJA U ĠUSTIZZJA

sinodu MALTA

Dokument tas-Sinodu Djoċesan

# Djakonija u Ġustizzja

"Bagħatni nwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin"
(Lq 4,18)

sinodu MALTA

2003

ISBN: 99932 - 49 - 11 - 2

© Arċidjoċesi ta' Malta, Floriana, 2003

Produzzjoni tal-Media Centre Publications

Stampat fil-Media Centre, Blata l-Bajda

# WERREJ


Preżentazzjoni v

Kap I
Il-ħidma karitattiva u għall-ġustizzja:
element essenzjali fil-missjoni tal-Knisja 1

Kap II
Mill-għoti tal-karità għall-ħidma
għall-ġustizzja 6

Kap III
It-tagħlim soċjali tal-Knisja:
ħames prinċipji ewlenin 9

Kap IV
Oqsma li jeħtieġu attenzjoni fil-qasam
tal-ġustizzja 14

Kap V
Id-djakonija 26

Kap VI
Jeħtieġ impenn minn kulħadd 32

Kap VII
Kummissjoni Ġustizzja u Paċi 40

Kap VIII
"Morru fil-paċi ta' Kristu" 43

# PREŻENTAZZJONI

Il-Knisja f'Malta għandha tradizzjoni twila ta' ħidma favur dawk li huma fil-bżonn. Il-ġenerożità tal-poplu Malti f'oqsma ta' emarġinazzjoni u faqar, fuq livell lokali, nazzjonali u internazzjonali, hija waħda mill-isbaħ karatteristiċi tal-Knisja tagħna.

Imma barra li wieħed jagħti karità bil-qalb lil min hu fil-bżonn, irid ifittex ukoll kif ineħħi dak il-bżonn. Din hija waħda mill-akbar sfidi għall-Knisja f'Malta: kif l-insara jsieħbu flimkien it-tradizzjoni ta' ġenerożità mal-ħidma għall-ġustizzja soċjali.

Dan id-dokument iħares mill-qrib lejn ħames prinċipji ewlenin fit-tagħlim soċjali tal-Knisja:

- ir-rispett assolut għad-dinjità tal-bniedem u għad-drittijiet tiegħu;
- l-imħabba preferenzjali li għandha tingħata lill-fqar;
- is-solidarjetà;
- il-ġid komuni;
- is-sussidjarjetà.

Id-dokument jipproponi riflessjoni fuq xi oqsma vitali biex ikun hawn ġustizzja vera. Hija parti mill-missjoni tal-komunità nisranija li tagħti importanza lil dak li qed jiġri f'dawn l-oqsma: il-politika, ix-xogħol, is-sistema edukattiva, is-saħħa, is-sistema tal-*welfare*, id-djar, il-ħarsien ta' l-ambjent, ir-refuġjati u l-immigranti u l-impenn għat-Tielet Dinja.

Id-dokument jitkellem ukoll fuq il-qadi (djakonija). Jinħass il-bżonn li din titqies bħala parti ċentrali tal-ħidma ta' kull parroċċa.

Id-dokument isemmi xi aspetti li għandhom ikunu karatteristiċi tas-servizzi li tagħti l-Knisja: iċ-ċentralità ta' kull bniedem, l-eċċellenza fis-servizz, u servizz mogħti b'imħabba nisranija u b'dedikazzjoni. Jitkellem ukoll fuq l-importanza tas-sħubija f'dan il-qasam, kemm fil-Knisja nnifisha kif ukoll ma' l-Istat.

Hemm għadd ta' proposti kif l-individwu, il-familja, il-parroċċa, ir-reliġjużi, l-għaqdiet u l-movimenti u d-djoċesi jistgħu jimpenjaw ruħhom fl-għajxien tat-tagħlim soċjali tal-Knisja.

Id-dokument jgħid li għandha tiġi kostitwita l-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi, li tkun l-istruttura permanenti fil-Knisja b'responsabbiltà għall-qasam tal-ġustizzja. Din il-Kummissjoni għandha taħdem biex tkabbar l-għarfien tat-tagħlim soċjali tal-Knisja fuq diversi livelli, tistudja l-iżviluppi ekonomiċi, soċjali, leġislattivi u f'oqsma oħra, u tidħol fi djalogu strutturat ma' l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili, filwaqt li tieħu pożizzjoni fuq sitwazzjonijiet speċifiċi fid-dawl tat-tagħlim soċjali tal-Knisja.

Id-dokument juri kemm il-ħidma karitattiva u l-ħidma għall-ġustizzja huma t-tnejn parti essenzjali mill-missjoni tal-Knisja. L-insara huma msejħin biex, imħeġġin mill-imħabba, jaħdmu kontra l-istrutturi ta' inġustizzja u favur il-ħelsien tassew ta' kull bniedem. Il-mudell ewlieni li fuqu għandhom ifasslu dan l-impenn tagħhom hu Ġesù Kristu.

Is-sejħa li qed jagħmel is-Sinodu Djoċesan lil kull nisrani u nisranija f'Malta hi li jkunu qaddejja ta' dawk li huma fil-bżonn u li jaħdmu għall-ġustizzja, fid-dawl tat-tagħlim soċjali tal-Knisja.



## Kap I

# IL-ĦIDMA KARITATTIVA U GĦALL-ĠUSTIZZJA: ELEMENT ESSENZJALI FIL-MISSJONI TAL-KNISJA

# L-imħabba fil-qalba tal-ħajja nisranija

1

"Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fl-Evanġelju" (Mk 1,15). Ġesù Kristu ġie biex iwassal is-Saltna ta' Alla, dak Alla li jagħmel ħaqq lill-maħqurin, u jagħti l-ħobż lill-imġewħin, li jeħles lill-imjassrin, li jiftaħ għajnejn l-għomja, li jerfa' lill-milwijin, li jħobb il-ġusti, li jħares lill-barranin, li jżomm lill-iltim u lill-armla (ara Salm 146,7-9). Il-Knisja taf il-bidu tagħha fl-aħbar tal-wasla tas-Saltna ta' Alla.[1]

Mistoqsi liema huwa l-akbar kmandament tal-Liġi, Ġesù wieġeb ċar u tond li l-akbar kmandament huwa li tħobb lil Alla fuq kollox u lil għajrek bħalek innifsek. "Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti" (Mt 22-40), għax "m'hemmx kmandament ieħor akbar minn dawn" (Mk 12,31). Ġesù jurina li l-imħabba tagħna għandha tasal għand dawk li huma fil-bżonn ta' l-għajnuna, huma min huma (ara Lq 10,29-37), ukoll dawk li m'humiex ta' ġewwa, anzi saħansitra għandha tasal sa l-għedewwa tagħna u dawk li jagħmlulna l-ħsara (ara Mt 5,43-48).

Huwa fuq il-kwalità ta' l-imħabba tagħna għal dawk li huma fil-bżonn li huwa se jiġġudikana waqt li qalilna li lilu nsibuh u naqduh "fl-iżgħar fost dawn ħuti" (Mt 25,40). It-tagħlim ta' Ġesù dwar l-imħabba u s-servizz ta' qadi, li fil-ħajja tal-Knisja huwa msejjaħ djakonija, huwa ċar, tant li r-reliġjon nisranija hija magħrufa bħala r-reliġjon ta' l-imħabba.

Qabel il-passjoni tiegħu, Ġesù waqqaf l-Ewkaristija u ħasel saqajn l-appostli biex jurina li l-qima li nagħtu lil Alla ma tkunx vera jekk ma tkunx marbuta ma' ħajja ta' servizz lejn l-oħrajn: "Jekk dawn il-ħwejjeg tafuhom, henjin intom jekk tagħmluhom" (Ġw 13,17).[2]

1 Ara Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Dommatika *Lumen Gentium* (21 ta' Novembru 1964), 5: "Il-misteru tal-Knisja mqaddsa juri ruħu fl-istess twaqqif tagħha. Għaliex il-Mulej Ġesù ta bidu lill-Knisja tiegħu meta xandar il-Bxara t-Tajba, jiġifieri l-wasla tas-Saltna ta' Alla mwiegħda minn sekli fl-Iskrittura...".

2 San Ġwann Krisostmu jitkellem dwar "iż-żewġ altari" fil-ħajja tan-nisrani: (i) l-altar li jitqaddes meta l-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Kristu waqt il-Quddiesa, u (ii) l-altar li jinsab f'salib it-toroq, jiġifieri l-ġisem ta' Kristu li qed jittallab għal loqmaħobż u ħtiġijiet oħra.

## Ġesù Kristu: ħajtu u l-għażliet tiegħu

## 2

"Fuq kollox is-Saltna tidher fl-istess persuna ta' Kristu, Bin Alla u Bin il-bniedem, li ġie 'biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra' (Mk 10, 45)".[3] Aktar mill-kelma, tolqotna l-imġiba ta' Ġesù ma' dawk li qed ibatu, li kienet tweġiba biżżejjed għal dawk li marru jistaqsuh huwiex il-Messija jew le (ara Mt 11,1-6). Il-mirakli ta' Ġesù juruna li l-qawwa tiegħu ma riedx jużaha għall-ġieħ jew għall-kobor tiegħu (ara Mt 4,1-11), imma biex jgħin lil min tassew kellu bżonn. In-nies bi ħġarhom kienu jeħdulu għandu l-morda tagħhom, u huwa kien ifejjaqhom.

F'dan il-kuntest tolqotna l-għażla ta' Ġesù li jitħallat ma' l-imwarrba tas-soċjetà u jkun "ħabib tal-pubblikani u tal-midinbin" (Mt 11,19). Ġesù laqa' għandu lil min kien imwarrab minn kulħadd, ħaġa li spiċċaw jgħajruh biha n-nies "it-tajba" (ara Lq 15,1-2). F'waħda mill-isbaħ xeni ta' l-Evanġelju, naraw lil Ġesù jitqanqal mill-għotja żgħira ta' armla fqira (ara Mk 12,41-44).

Ġesù Kristu, li qabel ma tela' s-sema qal lid-dixxipli tiegħu: "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha... u għallmuhom iħarsu dak li ordnajtilkom jien" (Mt 28,19-20), huwa l-mudell ewlieni li fuqu l-Knisja għandha tfassal il-ħidma tagħha. Fuq l-eżempju u l-kmand tiegħu, "il-Knisja tħaddan magħha b'imħabba lil dawk li huma mġarrba b'xi dgħufija umana, saħansitra tagħraf fil-fqar u f'dawk li jsofru x-xbieha tal-Fundatur tagħha, fqir u mġarrab, taħdem biex tnaqqas il-ħtiġijiet tal-fqar u fihom tfittex li taqdi lil Kristu".[4] Bħala Knisja aħna lkoll imsejħin biex inġibu ħajja ġdida u biex inbiddlu d-dinja permezz ta' l-imħabba ta' Alla. It-tweġiba tagħna għal din is-sejħa tinkludi l-ħidma karitattiva u għall-ġustizzja; it-tnejn jiġbru fihom il-ħarsien tal-fqar, tal-vulnerabbli u tal-maħqurin.

3 *Lumen Gentium*, 5.

4 *Ibid.*, 8.

## Saltna ta' mħabba u ġustizzja 3

Ġesù ma ġiex biss biex jgħin lil min hu fil-bżonn, għaliex huwa saħaq li ġie fostna biex iwaqqaf is-Saltna ta' Alla, saltna ta' mħabba u ħniena, imma wkoll saltna ta' ġustizzja, fejn id-dinjità ta' kull wieħed u waħda hija mħarsa. Għalhekk fil-bidunett tal-ministeru tiegħu huwa stqarr li l-Ispirtu tal-Mulej ikkonsagrah biex iħabbar il-ħelsien lill-imjassrin, iwassal il-Bxara t-Tajba lill-fqajrin, id-dawl mill-ġdid lill-għomja u jrodd il-ħelsien lill-maħqurin (ara Lq 4,18). Qatt ma beża' jikkritika l-oppressjoni reliġjuża (ara Mt 23) u politika (ara Mt 22,25-26) li kien jgħix fiha l-poplu. Wissiena biex lil Ċesri nagħtuh dak li hu tiegħu, imma mingħajr ma nagħtuh ukoll dak li hu ta' Alla (ara Mk 12,13-17).

## Il-Knisja u t-tagħlim soċjali tagħha 4

Il-Knisja li ippruvat twettaq dan il-kmand ta' Ġesù, skond il-ħtiġijiet u ċ-ċirkustanzi ta' kull żmien. Mill-aħħar tas-seklu dsatax, il-Knisja żviluppat ħafna t-tagħlim tagħha f'dan il-qasam, u minn seklu 'l hawn sirna nitkellmu fuq **it-tagħlim soċjali tal-Knisja**, li nsibuh l-aktar fid-dokumenti soċjali tal-Papiet u l-Isqfijiet, kif ukoll f'diversi dokumenti tal-Konċilju Vatikan II u tas-Sinodi ta' l-Isqfijiet ta' matul dawn l-aħħar tletin sena. Il-Papa preżenti, bil-kliem u bil-kitba tiegħu, kif ukoll bil-vjaġġi u bil-ġesti kuraġġuzi tiegħu, huwa sinjal ċar ta' kemm il-Knisja ta' żminijietna tixtieq tieħu bis-serjetà dan l-impenn għal dinja aktar ġusta.

Kif qal is-Sinodu ta' l-Isqfijiet ta' l-1971 dwar **il-Ġustizzja fid-Dinja**, "ħidma favur il-ġustizzja hija parti essenzjali tat-tixrid ta' l-Evanġelju".[5]

[5] Sinodu ta' l-Isqfijiet, Dokument *Convenientes ex universo* (30 ta' Novembru 1971).

F'*Centesimus Annus,* l-enċiklika li kiteb f'għeluq il-mitt sena ta' l-ewwel enċiklika soċjali ta' Ljun XIII, Ġwanni Pawlu II għaqqad flimkien ħajja mgħixa favur dawk li huma fil-bżonn ma' għarfien veru tat-tagħlim soċjali tal-Knisja meta qal li "il-messaġġ soċjali ta' l-Evanġelju m'għandux jitqies li hu xi teorija, imma hu, fuq kollox, pedament u motiv ta' ħidma".[6] Ikompli jgħid ukoll li "illum, aktar minn qatt qabel, il-Knisja tifhem li l-messaġġ soċjali tagħha aktar jikseb kredibbiltà mix-xhieda ta' dak li tagħmel milli mil-loġika interna u l-konsistenza tiegħu".[7] "L-imħabba għall-oħrajn, u fuq kollox l-imħabba għall-fqar, li fihom il-Knisja ssib lil Kristu nnifsu, issir konkreta fil-promozzjoni tal-ġustizzja".[8]

## Strutturi ta' dnub fuq livell soċjali

5

Huwa xieraq li nfakkru fl-enfasi li tagħmel il-Knisja, fid-dokumenti soċjali ta' dawn l-aħħar tletin sena, fuq il-preżenza tad-dnub fl-istrutturi soċjali. Id-dnub huwa preżenza qawwija f'qalb il-bniedem, minn fejn joħorġu l-ħsibijiet u x-xewqat l-aktar profondi tiegħu, imma jieħu wkoll forma strutturali. Bħala eżempji, fuq livell internazzjonali nistgħu nsemmu r-razziżmu, il-mod inġust u żbilanċjat kif kultant isir il-kummerċ bejn il-pajjiżi sinjuri u dawk fqar, u l-kummerċ ta' l-armi, filwaqt li f'pajjiżna għandna l-firda bejn il-partiti politiċi u dik tal-partiti tal-festi u, skond xi wħud, sistema edukattiva elitista u l-konsumiżmu sfrenat. Aħna nitwieldu u ngħixu f'dinja fejn l-istrutturi ta' dnub jagħmluha aktar diffiċli li aħna nkunu ġusti u ta' servizz għall-oħrajn. Bħala nsara, hekk kif għandna d-dmir li neħduha kontra d-dnub fuq il-livell personali, għandna wkoll id-dmir li neħduha kontra l-istrutturi ta' dnub fuq livell soċjali, kemm billi nikxfuhom bħala strutturi ta' dnub kif ukoll billi nagħtu sehemna fil-bini ta' strutturi ta' solidarjetà.

6 Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Centesimus Annus* (1 ta' Mejju 1991), 57.

7 *Ibid.*

8 *Ibid.*, 58.



# Kap II

# MILL-GĦOTI TAL-KARITÀ GĦALL-ĦIDMA GĦALL-ĠUSTIZZJA

## Storja twila ta' karità u għajnuna

6

Il-Knisja f'Malta għandha storja twila ta' għajnuna diretta lin-nies fil-bżonn permezz ta' donazzjonijiet ta' flus, ħwejjeġ u servizzi. Kuljum, kull ġimgħa u kull sena, il-poplu Malti jisma', jinkuraġġixxi u jgħin nies fil-bżonn. Minn dejjem kellna tradizzjoni ta' ħidma favur dawk li huma fil-bżonn; fil-fatt waħda mill-isbaħ karatteristiċi tal-Knisja tagħna hija l-ġenerożità tagħna b'riżq oqsma ta' emarġinazzjoni u faqar. Din il-ġenerożità ma twassalx biss sa xtutna: bis-saħħa ta' mijiet ta' missjunarji saċerdoti, reliġjuzi u lajċi, tasal fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tad-dinja. Ftit huma l-appelli għall-għajnuna, f'Malta jew barra, li ma jkollhomx tweġiba ta' ġenerożità li timpressjonak.

## Il-ħidma għall-ġustizzja

7

Fl-istess ħin, ħafna drabi din is-sensibbiltà nisranija tagħna ma tasalx sa oqsma fejn minbarra l-għoti ta' karità hemm ukoll kwistjoni ta' ġustizzja. Aktar nafu nagħtu karità, u bil-qalb, lil min hu fil-bżonn, milli nfittxu kif inneħħu dak il-bżonn għal kollox billi naraw li kulħadd ikollu d-drittijiet tiegħu rispettati mis-soċjetà.

Kemm il-karità kif ukoll il-ġustizzja jfissru s-sejħa tagħna biex ngħixu l-Evanġelju ta' l-imħabba u r-rikonċiljazzjoni. Dawn iż-żewġ virtujiet jikkomplementaw lil xulxin, għalkemm m'humiex l-istess la fl-għanijiet u lanqas fil-metodu. "L-imħabba hi l-aqwa kmandament soċjali. Tirrispetta lill-oħrajn u d-drittijiet tagħhom. Titlob li ssir ġustizzja li bl-imħabba biss ikollna l-ħila nħaddnuha".[9]

Li **nagħtu karità** huwa essenzjali, imma mhux biżżejjed: irridu ninżlu aktar fil-fond. Irridu nsaqsu aktar mistoqsijiet. Dan hu x-xogħol tal-ġustizzja.

[9] *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (1992), par. 1889.

Meta nagħtu karità nkunu qed nipprovdu **servizz dirett** bħal ikel, ilbies jew kenn; inkunu qed inwieġbu għall-bżonnijiet immedjati li jistgħu ikunu **effetti** ta' inġustizzja soċjali.[10] **Il-ħidma għall-ġustizzja** hi orjentata lejn azzjoni pubblika, impenn politiku, hidma ekonomika u kollettiva biex issir il-bidla. Turina t-triq lejn **il-kawżi** ta' l-inġustizzji soċjali. F'dan il-każ, il-Poplu kollu ta' Alla għandu l-isfida u r-responsabbiltà biex jirrifletti fuq l-istrutturi soċjali li jnisslu l-inġustizzji, u jaħdem ma' oħrajn biex jibdilhom sabiex noqorbu dejjem aktar lejn il-ġid komuni. Fil-fatt, il-ġustizzja tindirizza **l-kundizzjonijiet l-aktar permanenti** u ġġib 'il quddiem bidla soċjali f'istituzzjonijiet u f'sistemi.

Din hija waħda mill-akbar sfidi quddiemna bħala Knisja f'Malta: kif ngħaddu mill-għoti tal-karità għall-ħidma għall-ġustizzja mingħajr ma nitilfu t-tradizzjoni ta' ġenerożità lejn l-oħrajn.

10 L-Arċisqof Helder Camara darba qal: "Jekk nagħti jiekol lil min hu bil-ġuħ jgħidu li jien qaddis. Jekk nistaqsi għaliex hawn nies bil-ġuħ jgħidu li jien komunist".



# Kap III

# IT-TAGĦLIM SOĊJALI TAL-KNISJA: ĦAMES PRINĊIPJI EWLENIN

## Rispett għad-dinjità u għad-drittijiet tal-bniedem

8

Rispett assolut għad-dinjità tal-bniedem u għad-drittijiet tiegħu huwa l-kundizzjoni ewlenija biex issaltan l-imħabba u l-ġustizzja fostna. Kull persuna għandha dritt fundamentali għall-ħajja u għal dawk il-ħwejjeġ li jgħinuha tgħix ħajja diċenti – l-ikel u l-kenn, il-familja, il-kapaċità li tesprimi l-idejat tagħha, il-kura, l-edukazzjoni u l-impjieg. Dawn id-drittijiet fundamentali huma drittijiet ta' kull bniedem għax huwa bniedem u mhux għax għandu xi ħaġa (bħal flus, kariga, twemmin). Dawk li jeżerċitaw xi awtorità għandhom id-dmir li jħarsu d-drittijiet fundamentali ta' kull persuna. Fl-istess ħin, iċ-ċittadini kollha għandhom id-dmir li jħarsu d-drittijiet tal-bniedem u li jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom lejn xulxin, lejn il-familji tagħhom, u lejn is-soċjetà in ġenerali. Il-Knisja hi f'pożizzjoni privileġġjata biex trawwem rispett ġenwin għad-dinjità ta' kull persuna maħluqa xbieha ta' Alla.

## Imħabba preferenzjali għall-fqar

9

Imħabba preferenzjali għandha tingħata lill-fqar. L-għażla tal-fqar hija s-sinjal tal-wasla tas-Saltna ta' Alla. Fil-fatt, meta lil Ġesù staqsewh jekk kienx hu dak li kellu jiġi, huwa wieġeb: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li qiegħdin tisimgħu u taraw: l-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, l-imġiddmin ifiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u l-Evanġelju jixxandar lill-foqra" (Mt 11,2-5). Ġesù qagħad għall-ikel ma' l-imwarrba u stieden lid-dixxipli tiegħu jagħmlu l-istess (ara Lq 14,15-24), wera li għandhom "ikunu proxxmu" ma' kull min huwa fil-bżonn (ara Lq 10,29-37) u identifika ruħu ma' "l-iċken" fix-xena tal-ġudizzju finali (ara Mt 25,31-46).[11]

[11] Ara Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Novo Millennio Ineunte* (6 ta' Jannar 2001), 49: "Din is-silta mill-Evanġelju m'hijiex biss stedina għall-imħabba: hija paġna ta' Kristoloġija li titfa' raġġ ta' dawl fuq il-misteru ta' Kristu. B'dawn il-kelmiet u mhux anqas bil-verità tat-tagħlim tagħha, il-Knisja tkejjel il-fedeltà tagħha bħala l-Għarusa ta' Kristu".

Din l-għażla għandha ssir parti integrali mill-ħajja tal-Knisja.[12] Hija "għażla jew forma speċjali ta' dak li għandu jiġi l-ewwel fit-twettiq tal-karità nisranija, kif tixhed it-tradizzjoni kollha tal-Knisja. Tolqot il-ħajja ta' kull nisrani, huwa u jfittex li jkun jixbah lil Kristu, imma tgħodd ukoll għar-responsabbiltajiet soċjali tagħna, u allura għall-mod kif ngħixu, u għad-deċizjonijiet li għandna nieħdu b'koerenza rigward il-propjetà u l-użu tal-ġid li għandna".[13]

Minħabba f'hekk, din l-għażla trid tkun kriterju ta' dixxerniment pastorali fil-ħidma tal-Knisja u mhix biss għażla bejn possibbiltajiet differenti. L-ewwelnett titlob minna li nkunu "Knisja tal-fqar"[14] u li nfasslu ħajjitna u l-ħidma pastorali fuq il-ħajja ta' dak li "għad li kien għani, ftaqar minħabba fikom biex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu" (2 Kor 8,9). Il-Knisja għandha tkun il-ġemgħa, imsejħa minn Kristu, fejn il-foqra jkollhom post speċjali, leħen u dar,[15] fejn jiskopru t-triq u l-appoġġ lejn il-ħelsien tagħhom.[16]

Il-foqra huma dejjem magħna; għalhekk din l-għażla titlob minna li nkunu għassa sabiex nagħrfu suriet ġodda ta' theddid għad-dinjità tal-bniedem. Dan l-għarfien għandu jissarraf f'impenn biex nirreżistu kull inġustizzja, oppressjoni, sfruttament u emarġinazzjoni u jwassalna mhux

12 Ara *ibid.*: "Kristu huwa preżenti b'mod speċjali fil-foqra u dan jitlob li l-Knisja tagħmel għażla preferenzjali għalihom".

13 Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Sollicitudo Rei Socialis* (30 ta' Diċembru 1987), 42.

14 Ara Ġwanni Pawlu II, Enċiklika *Laborem Exercens* (14 ta' Settembru 1981), 8.

15 Ara *Novo Millennio Ineunte,* 50: "Jeħtieġ naraw li l-fqar f'kull komunità jħossuhom 'f'darhom'. Ma jkunx dan l-aħjar mod u l-aktar wieħed effettiv kif nippreżentaw l-Aħbar it-Tajba tas-Saltna? Mingħajr din l-evanġelizzazzjoni bil-karità u x-xhieda tal-faqar nisrani, l-Aħbar it-Tajba ta' l-Evanġelju, li fiha nnifisha hija l-ewwel forma ta' karità, tkun fil-periklu li tkun mifhuma ħażin jew li tkun maħnuqa minn kwantità ta' kliem li bih ninsabu mdawrin fis-soċjetà ta' komunikazzjoni ta' żmienna. Il-karità bl-għemil twettaq b'mod l-aktar ċar il-karità bil-kliem".

16 Ara San Ġwann Krisostmu, *Omeliji dwar l-Evanġelju ta' San Mattew*, 50, 4: "X'ikun qed igawdi Kristu jekk il-mejda tiegħu tkun miksija b'važuni tad-deheb waqt li huwa stess ikun qed imut fil-persuna tal-fqar? Ibdew xebbgħu lil dak li għandu l-ġuħ u mbagħad, jekk jibqgħalkom flus, żejnu lill-artal... Alla qatt ma kkundanna lil xi ħadd għax ma tax tiżjin għani lit-tempju tiegħu, imma hedded anke bl-infern lil min ittraskura l-għajnuna tal-fqar".

biss biex jitwarrbu "l-effetti ta' kull deni, izda wkoll il-kawżi tiegħu".[17] L-għażla preferenzjali tal-foqra għandha wkoll iddawwalna fl-għażliet tagħna rigward il-mezzi li nużaw fil-pastorali tagħna u biex nirrifjutaw kull abbuż ta' poter (soċjali, politiku, finanzjarju, reliġjuż) biex inwasslu l-Evanġelju.

## Is-solidarjetà

10

Is-solidarjetà huwa aspett kruċjali marbut ma' dan l-impenn. Ilkoll kemm aħna niddependu minn xulxin għall-bżonnijiet kemm personali kif ukoll soċjali. Ma nistgħux niżviluppaw il-potenzjali tagħna u ma nistgħux napprezzaw id-dinjità tagħna jekk ma naqsmux ħajjitna ma' xulxin u ma nikkoperawx fi proġetti li lkoll kemm aħna nibbenefikaw minnhom. "Il-konvinzjoni li l-Knisja kollha, kemm il-ministri kif ukoll il-membri kollha tagħha, hija marbuta bil-vokazzjoni tagħha li terfa' mill-miżerja tagħhom lil dawk li qed ibatu, kemm dawk fil-qrib kif ukoll dawk fil-bogħod, mhux biss miż-żejjed iżda **wkoll min-neċessarju**, tagħmel parti mit-tagħlim u l-prattika l-aktar antika tal-Knisja".[18] Il-Papa Ġwanni Pawlu II spiss jirreferi għas-solidarjetà bħala l-virtu' essenzjali tal-ħajja soċjali. "Ilkoll kemm aħna responsabbli għal xulxin".[19]

## Il-ġid komuni

11

Il-ġid komuni tas-soċjetà hu l-ġabra flimkien ta' dawk il-kundizzjonijiet tal-ħajja soċjali li bihom il-bnedmin jistgħu jilħqu l-perfezzjoni tagħhom b'mod aktar sħiħ u ħafif.[20] Għalhekk huwa l-ġid tas-soċjetà kollha kemm hi: huwa

17 Konċilju Vatikan II, Digriet *Apostolicam Actuositatem* (18 ta' Novembru 1965), 8.

18 *Sollicitudo Rei Socialis*, 31.

19 *Ibid.*, 38.

20 Ara Konċilju Vatikan II, Dikjarazzjoni *Dignitatis Humanae* (7 ta' Diċembru 1965), 6.

ħafna aktar mill-ġid tal-maġġoranza, u qatt ma naslu għalih jekk infittxu biss il-ġid individwali tagħna jew tal-grupp tagħna. Għalhekk għandna responsabbiltà morali li nimpenjaw ruħna biex nilħquh: fil-komunitajiet lokali, f'art twelidna, fil-komunità tan-nazzjonijiet. In-natura soċjali tal-bniedem titlob li bilfors ikun hemm relazzjoni bejn il-ġid ta' kull wieħed u dak ta' kulħadd. Titlob għaqal minn kulħadd, u wisq aktar minn dawk li għandhom l-awtorità.

## Is-sussidjarjetà

12

Il-prinċipju ta' sussidjarjetà ifisser li responsabbiltajiet u deċiżjonijiet għandhom jiġu eżerċitati kemm jista' jkun fil-livell ta' inizjattiva individwali, fil-komunitajiet u istituzzjonijiet lokali. Għalhekk jimplika li l-awtoritajiet kollha – politiċi, soċjali, ekonomiċi u ekklezjastiċi – jirrispettaw l-ispazju ta' aġenziji iżgħar u ta' l-individwi mingħajr indħil bla bżonn u, fejn meħtieġ, jagħtu l-għajnuna biex id-deċiżjonijiet jittieħdu u jitwettqu minn dawn ta' l-aħħar. Fl-istess ħin, il-ġid komuni jitlob li jkun hemm aġenziji li jsegwu bir-reqqa f'kull livell, mil-livell lokali sa dak internazzjonali, biex jassiguraw li l-għanijiet wesgħin jintlaħqu u li ma jkunx hemm abbużi.



## Kap IV

# OQSMA LI JEĦTIEĠU ATTENZJONI FIL-QASAM TAL-ĠUSTIZZJA

## Il-missjoni tal-komunità nisranija

13

Dan is-Sinodu jipproponi riflessjoni mill-Knisja f'Malta dwar xi oqsma tal-ħajja f'pajjiżna meqjusa bħala vitali biex ikun hawn ġustizzja vera. Hija parti mill-missjoni tagħna bħala komunità nisranija li nagħtu importanza lil dak li jiġri f'dawn l-oqsma. "Il-Knisja mhix immexxija minn xi ambizzjoni tal-ħwejjeġ ta' l-art iżda tfittex dan biss: li, taħt it-tmexxija ta' l-Ispirtu s-Santu, tkompli l-istess ħidma ta' Kristu li ġie fid-dinja biex jagħti xhieda tal-verità, biex isalva u mhux biex jikkundanna, biex jaqdi u mhux biex ikun moqdi."[21] Dan qed nagħmluh ukoll konvinti mir-rabta bejn l-evanġelizzazzjoni u l-promozzjoni umana.[22]

Fl-istess ħin, nagħrfu li fl-istess ċirkustanzi jista' jkun hemm ukoll "varjetà leġittima ta' għażliet differenti – l-istess fidi nisranija tista' twassal għal impenji differenti"[23] fl-oqsma soċjali. Nagħrfu wkoll li d-dmir profetiku tal-komunità nisranija jmur flimkien mad-dmir għad-djalogu u r-rispett kemm lejn il-ġenwinità ta' dawk li ma jagħmlux parti mill-komunità nisranija kif ukoll lejn il-kumplessità tar-realtà. Din il-kumplessità tfisser li kultant ma jeżistux soluzzjonijiet faċli, ovvji u permanenti.[24] Id-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet tal-komunità nisranija għandhom isiru b'dixxerniment fid-dawl tal-Kelma ta' Alla u bil-kontribut imprezzabbli tax-xjenzi soċjali, kontribut li ma jistax jingħata minn imkien ieħor.

21 Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes* (7 ta' Diċembru 1965), 3.

22 Ara Pawlu VI, Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Nuntiandi* (8 ta' Diċembru 1975), 31: "Jeżistu rabtiet profondi bejn l-evanġelizzazzjoni u l-promozzjoni, l-iżvilupp u l-liberazzjoni umana. Hemm rabta ta' natura antropoloġika għax il-bniedem evanġelizzat mhux xi ħadd astratt, imma kundizzjonat mill-kuntest soċjali u kulturali. Hemm ukoll ir-rabta ta' natura teoloġika għax wieħed ma jistax jifred il-livell tal-kreazzjoni minn dak tar-redenzjoni li jilħaq sas-sitwazzjonijiet konkreti ta' l-inġustizzja... Teżisti r-rabta evanġelika, dik ta' l-imħabba: kif nistgħu nxandru l-kmandament il-ġdid jekk ma nippromwovux l-iżvilupp awtentiku tal-bniedem fil-ġustizzja u l-paċi?"

23 Pawlu VI, Ittra Appostolika *Octogesima Adveniens* (14 ta' Mejju 1971), 50.

24 Ara *Gaudium et Spes*, 43.

## Il-politika

14

Il-politika tiġi l-ewwel f'din il-lista, għaliex hija dejjem il-qasam deċiżiv fejn tidħol il-ġustizzja ta' bejn il-bnedmin. Għalhekk il-Knisja fit-tagħlim tagħha tħares lejha b'ħafna rispett, u tfaħħar lil min jidħol għall-politika b'sens ta' missjoni u ta' qadi. Hija arti diffiċli, għax tinvolvi t-tfittxija tal-ġid komuni fiċ-ċirkustanzi konkreti tal-pajjiż. Hija sfortuna li f'pajjiżna ħafna jqisu l-politika bħala l-għajn ewlenija ta' konflitt u firda bejnietna l-Maltin, firda li xi kultant tidher bħala waħda mfittxija mill-partiti, bil-kliem u permezz tal-*media* tagħhom, għal skopijiet purament partiġġjani u elettorali.

Fl-istorja tiegħu, pajjiżna ra diversi konflitti bejn il-Knisja u partit politiku jew ieħor, u dawn ħolqu feriti li għadhom iwasslu għal ċerta sfiduċja. Għalhekk hemm bżonn li l-isforzi lejn rikonċiljazzjoni aktar sħiħa ma jieqfu qatt. Fl-istess ħin dan is-Sinodu jqis li "hemm żmien meta tiskot u żmien meta titkellem" (Koħ 3,7) waqt li jagħraf li mhux biżżejjed li jitkellmu l-mexxejja jekk il-komunità nisranija ma tkunx aktar konvinta li l-fidi nisranija tagħha għandha ħafna x'tgħid fuq kwistjonijiet politiċi.

Minħabba l-ambjent lokali polarizzat, huwa aktar diffiċli tara kif tista' titkellem fuq kwistjonijiet politiċi mingħajr ma tkun jew tidher partiġġjan. Imma daqstant ieħor huwa importanti li l-Knisja ssemma' leħenha fuq dawn il-kwistjonijiet, u aħna naraw li hemm bżonn ta' strutturi djoċesani u lokali biex jgħinuna nagħmlu dan. Dan għandu jkun wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-**Kummissjoni Ġustizzja u Paċi** li dan is-Sinodu jara li għandha titwaqqaf.[25] Hemm bżonn ukoll li min hu involut fil-partiti politiċi, fuq livell lokali u nazzjonali, isib mill-Knisja d-dawl fl-impenn u d-deċiżjonijiet tiegħu. Huwa wkoll importanti ħafna li l-Knisja, fid-dawl ta' esperjenzi li diġà saru, tara kif tista' tinvolvi ruħha aktar fil-formazzjoni ta' min huwa involut fil-politika, u kif it-tagħlim soċjali tagħha jista' jasal aħjar għand dawn in-nies.

25 Ara paragrafi 36 u 37 ta' dan id-dokument.

Il-Knisja f'Malta qed tagħraf dejjem iżjed li "titkellem" ma jfissirx biss li xxandar il-prinċipji imma wkoll li tidħol fi djalogu ma' oħrajn li bħalna, avolja mhux parti mill-Knisja, qed ifittxu l-ġid komuni. Dan jgħodd mhux biss fi kwistjonijiet lokali, imma wkoll f'dawk internazzjonali, fil-kuntest ta' Ewropa dejjem aktar magħquda u ta' dinja dejjem aktar globalizzata.

## Ix-xogħol

15

Ix-xogħol huwa qasam bażiku, hekk li l-Papa Ġwanni Pawlu II qal li dan huwa ċ-ċavetta tal-kwistjoni soċjali kollha. Dan żgur li jgħodd ukoll għal pajjiżna, fejn għaddejjin minn tibdil kbir, l-aktar minħabba l-impatt tal-globalizzazzjoni fuq ekonomija miftuħa bħal tagħna. Il-proċess ta' ristrutturar ta' l-ekonomija, għalkemm meħtieġ biex iħares l-impjiegi fil-ġejjieni, jista' jġib miegħu ukoll żieda fin-nies bla xogħol. Huwa tajjeb li ntennu dak li qalu l-isqfijiet Amerikani fl-ittra pastorali tagħhom fuq l-ekonomija: "Li jkun hemm xogħol għal kulħadd (*full employment*) huwa l-pedament ta' ekonomija ġusta. L-aktar prijorità urġenti għall-politika ekonomika tagħna għandha tkun il-ħolqien ta' impjiegi ġodda b'pagi adegwati u kundizzjonijiet diċenti. Bħala pajjiz irridu nagħmluha possibbli li kull min ifittex impjieg isibu fi żmien raġunevoli".[26]

Dan huwa qasam fejn kulħadd jgħid li hemm bżonn ta' numru ta' bidliet, imma dawn donnhom idumu wisq biex jaslu. L-għaqdiet tal-ħaddiema għad għandhom post ewlieni fil-kisba u d-difiża tad-drittijiet ta' min jaħdem, imma donnhom għadhom ifittxu posthom f'dinja mibdula ħafna, u sa issa għadhom ma waslux li jiffurmaw struttura li ġġibhom flimkien. L-azzjoni industrijali u l-istrajk huma dritt tal-ħaddiem, imma għandhom jintużaw b'mod responsabbli bħala l-aħħar mezz fin-negozjati, u b'mod li jkun ċar li l-għan ta' kull azzjoni industrijali jkun favur il-ħaddiema u fil-kuntest tal-ġid komuni.

[26] Konferenza Nazzjonali ta' l-Isqfijiet Kattoliċi ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, *Economic Justice for All* (1986), 136.

Hawn kategoriji sħaħ ta' ħaddiema sfruttati għaliex ma għandhomx protezzjoni vera mil-liġi jew għaliex m'humiex imseħbin f'unjon. Il-kundizzjonijiet f'ċerti fabbriki, f'ċerti oqsma fl-industrija tat-turiżmu u fejn jidħlu ħaddiema li jkunu Malta illegalment, ma jagħmlux ġieħ lil min iħaddem. Fl-istess ħin, ilkoll nafu li hawn nies li jaħdmu għal ħinijiet twal iżżejjed mingħajr ma jibqgħalhom enerġija jew aptit għal xejn izjed, lanqas għall-familja, filwaqt li hemm oħrajn li ma jagħtux il-ġurnata tax-xogħol tagħhom kif suppost.

Hija pożittiva u b'riżq id-dinjità tal-ħaddiema l-leġislazzjoni reċenti li tħares id-drittijiet tal-ħaddiema *part-time*, ta' dawk li huma fuq kuntratt definit, tal-ħaddiema barranin kif ukoll id-dħul tal-*leave* għall-ġenituri, u li tagħti ħarsien f'każ ta' *redundancies* kollettivi u miżuri oħra. Is-Sinodu jħeġġeġ lill-imsieħba soċjali kollha sabiex ikomplu jaħdmu b'riżq l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet dejjem aħjar għall-ħaddiema u għall-familji tagħhom.

Ma nistgħux ma nsemmux l-*issue* tan-nisa miżżewġa u x-xogħol. In-nisa ta' żmienna jaraw valur kemm fix-xogħol kif ukoll fil-familja; dan huwa wieħed mis-sinjali ta' żmienna. "Il-bieb għax-xogħol u għall-professjoni għandu jkun miftuħ għal kulħadd, bla ebda diskriminazzjoni inġusta, miftuħ l-istess għall-irġiel u għan-nisa, għal dawk f'saħħithom u għal dawk b'diżabilità, għan-nies tal-pajjiż u għall-emigranti."[27] Il-Knisja għandha taħdem favur dak kollu li jgħin biex id-dinja tax-xogħol u l-familja jkunu dejjem izjed rikonċiljati. "Il-vera avvanz tal-mara jitlob li x-xogħol ikun strutturat b'mod illi n-nisa ma jkollhomx iħallsu l-avvanz tagħhom billi jabbandunaw dak li huwa speċifiku għalihom u b'dannu għall-familja, fejn huma bħala ommijiet għandhom rwol li ħadd ma jista' jwettqu."[28]

## Is-sistema edukattiva

16

Is-sistema edukattiva preżenti teħtieġ dejjem tiġdid biex, fost l-oħrajn, jitfejqu l-inġustizzji li jimbottaw lil min huwa b'saħħtu u jwarrbu lil min, għal

[27] *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* par. 2433; Ara *Laborem Exercens*, 19, 22-23.

[28] *Laborem Exercens*, 19. Dwar dan il-punt, ara wkoll id-dokument tas-Sinodu *Żwieġ u Familja*, 17.

xi raġuni jew oħra, ma jiflaħx. Dawn l-inġustizzji nbnew bil-mod il-mod matul is-snin, frott ukoll ta' deċiżjonijiet ta' malajr u xi kultant żbaljati. Irridu lkoll naħdmu b'persistenza għal sistema ta' edukazzjoni aktar ġusta, fejn kulħadd ikollu opportunitajiet indaqs.

L-iskejjel tal-Knisja huma fost ir-riżorsi ewlenin li għandha l-Knisja f'pajjiżna. Għalhekk il-kredibbiltà tagħha hija marbuta mill-qrib ma' kemm effettivament tuża dawn ir-riżorsi għall-ifqar fis-socjetà tagħna.[29] Nagħrfu fl-istess ħin li dan jista' jsir biss f'kuntest ta' bidliet importanti fis-sistema edukattiva tagħna kollha kemm hi, li l-Knisja ma tistax twettaqhom waħedha. Madankollu, il-fatt stess li madwar terz tat-tfal Maltin jirċievu l-edukazzjoni tagħhom fl-iskejjel tagħha jitfa' fuq il-Knisja responsabbiltà li tieħu sehem ewlieni bħala protagonista f'dan id-dibattitu. Wasal iż-żmien li l-iskejjel tal-Knisja jagħtu l-kontribut tagħhom fit-tfittxija ta' sistema ta' edukazzjoni aktar ġusta u li f'dan il-kuntest il-Knisja tkun dawl għas-soċjetà.

## Is-saħħa

17

Is-saħħa tibqa' dejjem qasam vitali għall-ħajja ta' bejnietna. F'dan il-qasam hemm aspetti pożittivi u aspetti li jnisslu preokkupazzjoni. Hemm ħafna nies li jaħdmu b'dedikazzjoni. Fl-istess waqt, fejn ikun hemm abbużi - kemm jekk minn professjonisti kif ukoll jekk minn pazjenti - dak li jispiċċa jbati huwa d-dgħajjef u dak li m'għandux alternattiva għas-servizz pubbliku. Għalkemm hawn Malta għandna sistema tas-saħħa b'xejn għal kulħadd, kultant huwa diffiċli li jkollok servizz tajjeb jekk ma tirrikorrix għall-privat ukoll. Din il-prattika titfa' piż kbir fuq min jiflaħ ftit u li dejjem isib ruħu fi żvantaġġ. Dan ma jnaqqasx mill-valur ta' tant nies li jaħdmu b'onestà f'dan il-qasam.

29 Ara Kongregazzjoni għall-Edukazzjoni Kattolika, *L-Iskola Kattolika fuq l-għatba tat-tielet millennju* (28 ta' Diċembru 1997), 15: "(L-iskola kattolika) hija skola għal kulħadd, b'attenzjoni specjali għal dawk li huma l-aktar dgħajfa... Għamliet ġodda ta' faqar huma ta' sfida għall-iskola kattolika: ...dawk li tilfu kull sens tal-ħajja u ma għandhom l-ebda idejal x'jispirahom, dawk li ma għandhom lil ħadd min jipproponilhom valuri jew li ma jafux is-sbuħija tal-fidi, dawk li jiġu minn familji mfarrka li ma jafux iħobbu u li spiss jgħixu f'ambjenti ta' faqar materjali u spiritwali...".

Pajjiżi oħrajn, ħafna akbar minna, qed iħabbtu wiċċhom ma' problemi kbar ħafna fejn tidħol ir-riforma tas-servizz tas-saħħa u l-finanzjament tiegħu, u dawn il-problemi ser jaslu għandna wkoll. F'diskussjoni bħal din, minħabba li dan huwa qasam daqshekk sensittiv, faċli nqiegħdu l-interessi tagħna u tal-grupp politiku, professjonali jew soċjali tagħna qabel il-ġid komuni. Għalhekk, filwaqt li l-Knisja ma għandhiex tagħlim partikulari fejn tidħol id-diskussjoni teknika ta' l-alternattivi għas-sistema preżenti, hija tisħaq li tintgħażel liema sistema tintgħażel, din tkun tirrispetta s-solidarjetà u s-sussidjarjetà, u toffri l-ewwelnett għajnuna u ħarsien lil min l-anqas jiflaħ iħallas, waqt li ssostni wkoll li kulħadd huwa obbligat jikkontribwixxi lejn il-ġid komuni skond ma jiflaħ.

Huwa dmir tagħna li naħdmu biex f'pajjiżna jkun hawn leġislazzjoni jew regolamentazzjoni fil-qasam tal-bioetika. Dan biex il-ħajja umana jkollha l-ħarsien li jistħoqqilha. Kulħadd jistenna li jkun hawn struttura pubblika u leġislazzjoni serja u bilanċjata fejn jidħlu dawn il-kwistjonijiet ta' bioetika.

Il-Knisja f'Malta trid tagħmel enfasi biex tingħata aktar dinjità lill-persuni bi problema ta' saħħa mentali. Din hija kategorija ta' nies li huma fost l-aktar imwarrbin fis-soċjetà tagħna, u impenn favurhom mill-Knisja f'Malta jista' jagħmel differenza kbira ħafna. Kif matul dawn l-aħħar erbgħin sena l-Knisja għenet biex il-persuni b'diżabilità jkollhom aktar dinjità fis-soċjetà tagħna, il-Knisja tixtieq tieħu l-istess impenn favur persuni bi problema ta' saħħa mentali.

Meta llum qed isir tant tibdil mgħaġġel fil-kura tas-saħħa, irridu nagħtu ħarsa mill-ġdid lejn il-kura pastorali li qed tingħata f'dan il-qasam. Għandna r-responsabbiltà li nassiguraw il-bżonnijiet pastorali, spiritwali u reliġjużi kemm tal-pazjenti kif ukoll ta' l-i*staff*. Jeħtieġ li nibdew naħsbu għandux ikun hemm kappillani, membri tal-kleru u lajċi b'taħriġ fit-teoloġija u fil-mediċina, li jiffurmaw parti mit-tim professjonali li jieħu ħsieb il-pazjent u li x-xogħol tagħhom jirrifletti:

- sensittività għar-realtajiet ta' diversi kulturi u twemmin;

- rispett għall-għażliet spiritwali/reliġjużi tal-pazjent;
- għarfien ta' l-impatt li jħalli l-mard fuq l-individwi u fuq min jieħu ħsiebhom;
- promozzjoni tal-valuri etiċi u attenzjoni għal sitwazzjonijiet etiċi diffiċli.

## Is-sistema tal-*welfare* 18

Is-sistema tal-*welfare* u l-pensjonijiet tagħna sa issa kienet tiggarantixxi li kulħadd, anke min hu dgħajjef, għandu ċans jgħix bid-dinjità. Madankollu, hawn ħafna x'juri li din is-sistema ma tistax tibqa' kif inhi għal ħafna żmien aktar, għaliex il-bidla fid-demografija Maltija tfisser li ser ikun hawn piżijiet li ma nkunux nistgħu nkomplu nerfgħuhom. Nafu wkoll li hawn min jabbuża mis-sistema ta' benefiċċji, u dan huwa nuqqas serju ta' solidarjetà u mhu xejn għajr serq.

Wieħed ma jistax ikun kuntent bil-kwalità tad-diskussjoni nazzjonali li saret sa issa fuq dan il-qasam daqshekk vitali għall-ġejjieni tal-ġustizzja soċjali f'pajjizna. Nittamaw li f'din id-diskussjoni l-Maltin kollha jaslu biex ifittxu l-ġid komuni u mhux dak tal-grupp soċjali jew politiku tagħhom. Aħna nemmnu li l-Knisja, bit-tradizzjoni ta' tagħlim soċjali tagħha, għandha kontribut importanti x'tagħti f'din id-diskussjoni, u huwa d-dmir tagħha twassal il-messaġġ tagħha f'qasam daqshekk sensittiv għall-ġejjieni ta' pajjizna.

Il-Knisja ma tixtieqx, u ma tistax, tipproponi xi formola maġika. Madankollu hija għandha tipproponi numru ta' konsiderazzjonijiet u tinsisti li huwa dmir ta' kulħadd li jipparteċipa fl-isforz sabiex is-servizzi bażiċi tal-ħarsien soċjali jitqiegħdu fuq bażi sostenibbli.

Barra minn hekk jeħtieġ li l-ħarsa tagħna ma tkunx frammentata: irridu nħarsu lejn il-pensjonijiet, iżda magħhom lejn is-servizzi tas-saħħa,

l-edukazzjoni, id-djar, il-ħarsien tat-tfal. Mhux biżżejjed li nħarsu lejn l-interess tal-qasam tagħna biss, għax f'kull intervent il-gwida aħħarija hija l-ġid komuni, li jħares id-dinjità ta' kull bniedem, l-aktar ta' dawk dgħajfin. Kulħadd irid jagħti sehmu lejn l-iżvilupp tal-ħarsien soċjali.

## Id-djar 19

L-*issue* tad-djar għandha rilevanza partikulari hawn Malta, anke minħabba ċ-ċokon tal-pajjiż u d-densità tal-popolazzjoni, ta' madwar 1200 persuna għal kull kilometru kwadru. Il-prezzijiet ta' l-art u d-djar, li ma jiqfux jitilgħu minkejja n-numru ta' djar vojta, qegħdin jitfgħu piż esaġerat fuq il-koppji żgħażagħ, li jaffettwa l-ħajja tagħhom u tal-familja tagħhom għal ħafna snin. Fatturi oħra, pjuttost reċenti, qed iħallu wkoll l-effett tagħhom fuq dan il-qasam, bħan-numru jiżdied ta' *single parents*, kuxjenza akbar li (ġustament) vjolenza domestika m'hijiex aċċettabbli, persuni b'diżabilità li jixtiequ jgħixu, kif hu dritt tagħhom, fi djar fil-komunità minflok ma jidħlu f'xi istituzzjoni. Qed jiżdied ukoll in-numru ta' dawk li għandhom bżonn ta' kenn temporanju.

It-tagħlim tal-Knisja li Alla ħalaq kollox għal kulħadd huwa ċar, u għandu jsir aktar magħruf. Tajjeb li l-Knisja tidħol fi djalogu ma' min huwa responsabbli għall-formulazzjoni u t-twettiq tal-politika għall-*housing*, ngħidu aħna dwar ir-riforma ġusta u realistika tal-liġijiet tal-kera, għalkemm tagħraf li ma jeżistux soluzzjonijiet semplici jew maġiċi.

## Il-ħarsien ta' l-ambjent 20

Domna ħafna sa ma bdejna nqisu l-ħarsien ta' l-ambjent bħala dmir ewlieni tagħna bħala nsara. Imma aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar nagħrfu kemm il-ġustizzja ambjentali hija fil-qalba tar-responsabbiltajiet tagħna bħala nsara.[30]

30 Dwar dan is-suġġett, ara wkoll id-dokument tas-Sinodu *Kultura-Soċjetà-Knisja*.

Kull bniedem għandu d-dritt li jgawdi mill-ġid tad-dinja, u għalhekk huwa d-dmir ta' kulħadd li jara li l-bnedmin kollha, kemm dawk li bħalissa qegħdin fid-dinja, kif ukoll il-ġenerazzjonijiet futuri, ikollhom sehem minn dan il-ġid. Aħna nemmnu li l-ħolqien Alla tah lill-bniedem biex jieħu ħsiebu u biex jużah għall-glorja tiegħu u għall-ġid ta' kulħadd, u ħadd ma għandu dritt jagħmel ħsara jew jaħli riżorsi bl-addoċċ, għax dik hija forma oħra ta' egoiżmu. Ħafna jaħsbu li la n-natura hija "b'xejn", jistgħu jagħmlu użu minnha kif jiftlilhom; madankollu, dan dejjem jiġri minn fuq dahar l-oħrajn. F'pajjiżna l-ħarsien ta' l-ambjent spiss jiġi f'konflitt ma' l-iżvilupp ekonomiku. Madankollu, l-ebda żvilupp li mhux sostenibbli ma huwa żvilupp veru, u jispiċċa biex ikun ta' ħsara għall-bqija tal-ħolqien, u fl-aħħar mill-aħħar għall-bniedem.

Li tħares l-ambjent ifisser li tgħix b'mod aktar awster, ma taħlix bla bżonn, ma tkunx konsumista, tqis l-interessi ta' ħaddieħor u mhux tiegħek biss, li tirrispetta l-ħolqien kollu, inkluż l-annimali u s-siġar. Dawn kollha huma valuri evanġeliċi li jqarrbuna lejn dawk li, għalkemm ma għandhomx l-istess twemmin tagħna, qegħdin ifittxu l-istess idejali. Il-Knisja trid tagħti xhieda ta' dan kollu anke fl-amministrazzjoni ta' dak li hu tagħha.

## Ir-refuġjati u l-immigranti 21

Il-preżenza fostna ta' refuġjati u immigranti hija fenomenu ġdid, u dan spiss iwassal għal eżempji ta' razziżmu f'Malta. Aħna l-Maltin gawdejna ħafna mill-opportunitajiet ta' xogħol f'pajjiżi oħrajn, u n-numru ta' Maltin li jgħixu barra pajjiżna huwa kbir ħafna. Issa f'dawn l-aħħar snin bdejna naraw kif il-moviment kbir ta' persuni, vittmi ta' konflitti u traġedji umanitarji ta' żmienna, qed jolqot anke lil pajjiżna. Il-miljuni ta' refuġjati, li numru żgħir minnhom jinsabu anke hawn fostna f'Malta, huma xhieda li għad hawn ħafna nuqqas ta' ġustizzja f'din id-dinja.

Nistgħu ngħidu li aħna poplu li jaf juri ospitalità kbira lejn min iżurna.

L-isfida kbira llum hi li nilqgħu bl-istess idejn miftuħa persuni ta' razez u twemmin differenti minn tagħna, nies li meta jaslu fuq xtutna x'aktarx ikollhom biss il-memorja ta' passat ikrah f'pajjiz 'il bogħod u l-impossibbiltà ta' futur f'dik l-art. Dawn jitolbuna mhux biss karità imma fuq kollox solidarjetà u l-opportunità li jipparteċipaw magħna f'komunità ta' bnedmin fejn id-dinjità u d-drittijiet tagħhom huma mħarsa. Dawn isibu ħafna min jgħinhom, imma jsibu wkoll min jisfruttahom minħabba li huma ta' kulur jew ta' kultura differenti minn tagħna. Il-preżenza fostna ta' dawn il-fqar ġodda hija sfida biex inpoġġu fil-prattika dak li ngħidu fuq l-għażla preferenzjali għall-fqar, u nagħtu importanza speċjali lejn il-ħidma biex naffrontaw l-istrutturi tad-dnub li joħolqu tant inġustizzji u faqar kemm fis-soċjetà tagħna kif ukoll fuq livell internazzjonali.

Ir-razziżmu huwa struttura ta' dnub li jikkontradixxi l-ħolqien tagħna lkoll indaqs fix-xbieha tal-Ħallieq. Minflok ma napprezzaw popli oħra u d-diversità kulturali, xi drabi nintrabtu mal-mod tagħna ta' kif nesprimu l-umanità, u niddisprezzaw lill-barranin fostna u l-espressjonijiet ta' kulturi oħra. Xi drabi dan iwassal għal abbuż verbali, pressjoni psikoloġika u, traġikament, każijiet ukoll ta' theddid u vjolenza fiżika. Dan nirbħuh biss b'edukazzjoni minn kmieni u integrali fil-valuri ta' l-imħabba, tat-tolleranza, tal-pluraliżmu, u l-apprezzament ta' reliġjonijiet u kulturi oħra. L-insara għandhom rwol kbir meta jagħtu eżempju ta' djalogu u joffru persuni u istituzzjonijiet biex jgħinu fl-integrazzjoni tal-barranin u r-refuġjati fostna.

## L-impenn għat-Tielet Dinja 22

L-impenn għat-Tielet Dinja huwa wkoll aspett importanti fil-ħidma għall-ġustizzja. Aħna l-Maltin minn dejjem konna qrib ħafna tal-popli fqar, u dan jixhduh il-mijiet ta' missjunarji Maltin li jinsabu mxerrdin mad-dinja kollha, l-aktar fil-pajjiżi l-aktar fqar ta' l-Afrika, l-Asja u l-Amerika Latina. Il-ġenerożità tagħna għall-missjonijiet hija waħda mill-isbaħ aspetti tal-ħajja

tagħna nisranija, imma tajjeb li ma' din il-qalb tajba jiżdied ukoll għarfien aħjar tal-kawżi li jwasslu għal dinja dejjem aktar inġusta, fejn il-pajjiżi sinjuri qed isiru aktar sinjuri u dawk fqar ikomplu jiftaqru.

Ma nistgħux ningħalqu biss f'pajjiżna u fil-problemi tagħna u ninsew il-maġġoranza tal-bnedmin li għandhom l-istess dinjità tagħna imma li jonqsuhom l-aktar affarijiet bażiċi għall-ħajja: l-ikel u l-ilma, id-dar, ix-xogħol u l-paċi. Dan l-għarfien irid ikun parti mill-edukazzjoni nisranija li tingħata, kemm fil-katekeżi tat-tfal, fl-iskejjel kollha, speċjalment dawk tal-Knisja, kif ukoll fl-edukazzjoni u l-formazzjoni nisranija ta' l-adulti. Kuxjenza dinjija hija sinjal ta' ħajja tabilħaqq nisranija li ma tkunx magħluqa fiha nnifisha.

Tajjeb li pajjiżna wkoll jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' pajjizi aktar fil-bżonn minna, u li jsemma' leħnu f'*fora* internazzjonali għal dan il-għan.



# Kap V

# ID-DJAKONIJA

## Ġie mhux biex ikun moqdi imma biex jaqdi

## 23

Il-ħidma tal-Knisja għall-ġustizzja għandha tkun dejjem imsieħba b'atti ta' qadi konkret lil min hu fil-bżonn. Dawn is-servizzi għandhom il-bażi tagħhom fil-fidi f'Dak li ġie "mhux biex ikun moqdi imma biex jaqdi u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (Mk 10,45). Għal Ġesù ma kien hemm l-ebda firda bejn ħajtu u tagħlimu: għalih, il-fejqan u l-għajnuna huma parti integrali mit-tħabbir tal-Bxara t-Tajba, ta' l-evanġelizzazzjoni (Mt 11,1-6; Lq 9,1-2,6). Id-djakonija hija evanġelizzazzjoni mmirata li tilħaq lil kulħadd u mhux biss lin-nies qrib tagħna. Kull nisrani hu msejjaħ biex jixbah aktar lil Kristu, kif ukoll biex f'kull ħin jara lil Kristu f'kull persuna fil-bżonn. Minħabba li s-servizz li tagħti l-Knisja huwa l-wiri ta' wiċċ Kristu l-Feddej, dan jitfa' responsabbiltà fuq l-għażla u l-kwalità tas-servizzi li nagħtu.

## Id-djakonija fil-parroċċa

## 24

Dan is-Sinodu jqis li l-parroċċa għandha tikkonsidra d-djakonija bħala parti ċentrali tal-ħidma tagħha. Madankollu jidher li l-kelma djakonija ma tinftihemx mill-biċċa l-kbira tan-nies, u dan ikompli jdgħajjef l-importanza ta' dan l-aspett tal-ħajja tal-parroċċa.[31]

Għandhom jiġu identifikati l-prijoritajiet soċjali tal-ħidma ta' kull parroċċa – mhux kull parroċċa neċessarjament għandha l-istess problemi

[31] Sar stħarriġ permezz ta' kwestjonarju, li ntbagħat lis-67 parroċċa, bl-iskop ewlieni li jiġi stabbilit jekk il-parroċċi għandhomx Kummissjoni Djakonija u, jekk għandhom, kif inhi organizzata. Saru wkoll domandi fuq jekk il-Kummissjoni għandhiex prijoritajiet fuq xi aspett partikulari għall-parroċċa, kif ukoll jekk tagħtix formazzjoni u edukazzjoni xierqa lil kull min jagħti servizz fil-komunità parrokkjali. Ir-riżultat ta' dan il-kwestjonarju juri li hemm bżonn ta' sforz serju ta' tiġdid f'dan il-qasam: ir-rispons ta' l-istħarriġ kien biss ta' 42%, għaliex minn 67 parroċċa li rċevew il-kwestjonarju irrispondew biss 28 u, minn dawn, il-parroċċi b'Kummissjoni Djakonija li qed taħdem tajjeb huma tassew ftit. L-analiżi tat-tweġibiet turi, fost ħwejjeġ oħra, li l-ħidma hija prinċipalment indirizzata lejn l-anzjani, persuni b'diżabilità, morda u romol. Jidher ukoll li f'certi każi, id-djakonija qed titqies biss bħala grupp żgħir ta' nies li jagħtu servizz assistenzjali lil ftit kategoriji ta' persuni li jeħtieġu xi forma ta' għajnuna.

soċjali – jew grupp ta' parroċċi ġirien, kif ukoll il-bżonnijiet ta' formazzjoni u edukazzjoni professjonali tal-membri tad-djakonija. Hemm bżonn li tiġi indirizzata b'mod serju l-problema ta' l-aċċessibbiltà u l-inklużjoni fil-ħajja tal-parroċċa,[32] u li jkun hemm aktar koordinament ma' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet ċentrali. Ma nistgħux ma nistaqsux għaliex spiss ma hemmx kuntatt bejn il-parroċċa u inizjattivi oħra f'dan il-qasam, bħal djar tat-tfal jew ta' l-anzjani, li jkunu jinsabu fil-parroċċa stess.

Dan l-impenn għandu jwassal biex ikun hemm verament azzjoni konkreta, biex ikun hemm inqas duplikazzjoni ta' riżorsi umani u ekonomiċi u biex b'hekk il-ħidma tad-djakonija tkun aktar effiċjenti, effettiva u stabbli. Minn azzjoni ta' assistenzjaliżmu ngħaddu għal servizz nisrani li jagħti kontribut veru għat-tiġdid tal-parroċċa.

Sinjal ċar ta' dan ikun meta tinħoloq rabta aktar sħiħa bejn is-servizz li jkun qed jingħata u l-liturġija parrokkjali. Huwa importanti li nifhmu li l-qadi kollu li jidħol ghalih in-nisrani huwa intrinsikament marbut ma' dak li huwa jiċċelebra flimkien mal-komunità fil-liturġija. Il-laqgħa tagħna mal-Ġisem ta' Kristu fuq l-altar tkompli fil-qadi ta' Kristu fil-ġisem ta' dawk kollha li jeħtieġu l-għajnuna tiegħu.

## Is-servizzi tal-Knisja

25

Is-servizzi tal-Knisja huma ħafna u diversi: djar tat-tfal, djar ta' l-anzjani, servizzi għall-persuni bi problema tad-droga, djar għall-persuni b'diżabilità, u oħrajn. Uħud minn dawn is-servizzi tipprovdihom il-Knisja waħedha, waqt li oħrajn qed jingħataw fi sħubija ma' aġenziji oħrajn, pubbliċi jew privati. Ir-reliġjużi joffru wħud minn dawn is-servizzi waqt li għaqdiet jew organizzazzjonijiet tal-lajċi joffru oħrajn.

32 Hawnhekk m'għandniex inqisu l-aċċessibbiltà u l-inklużjoni fiżika biss izda wkoll l-inklużjoni fil-ħajja tal-fidi u dik liturġika. Is-Seminarju, f'kollaborazzjoni mad-djar ta' formazzjoni ta' l-Ordnijiet reliġjużi maskili, għandu joffri kors fis-*Sign Language* lil dawk li qegħdin iħejju ruħhom għas-saċerdozju .

Għandha ssir riflessjoni dwar il-kwalitajiet li għandhom jimmarkaw il-ħidma tal-Knisja f'dan il-qasam, l-aktar fuq **dak li jiddistingwi lis-servizzi mogħtija mill-Knisja** minn dawk mogħtija minn aġenziji oħrajn, pubbliċi jew privati. Żgur li ma tistax tingħata tweġiba diretta li tgħodd għal kull servizz, imma fil-qadi dejjem għandhom jitħarsu dawn l-aspetti:

- **Iċ-ċentralità tal-bniedem**. Is-servizzi tal-Knisja għandhom jilħqu lill-bniedem sħiħ u jirrispettaw id-dinjità tiegħu; wara kollox Kristu jagħmel lill-bniedem "aktar bniedem".[33] Il-bniedem, u kull bniedem, huwa importanti għax huwa bniedem u mhux għax għandu xi ħaġa jew jista' jagħti xi ħaġa. Għalina huwa sinifikattiv li ħafna mis-servizzi tal-Knisja f'Malta huma indirizzati lejn dawk li ma tantx jistgħu jagħtu lura (tfal, xjuħ u persuni b'diżabilità).
- **Eċċellenza fis-servizz**. Din għandha tkun kwalità f'kull servizz mogħti mill-Knisja. Dan għandu jinkludi opportunitajiet ta' żvilupp professjonali għall-*istaff* kif ukoll strutturi amministrattivi adegwati.
- **Servizz mogħti b'imħabba** nisranija u dedikazzjoni.

## Għażla dwar is-servizzi

26

F'dan ir-rigward, dan is-Sinodu jqis li għandha tittieħed azzjoni kemm jista' jkun malajr biex isir u jigi konkluż *audit* u valutazzjoni ta' l-istrutturi u s-servizzi ta' djakonija tal-Knisja ġewwa Malta. Dan għandu jkun eżerċizzju li jsir kull tant żmien.

Fid-dawl tal-konklużjonijiet ta' dan l-istudju, tittieħed deċiżjoni jekk irridux inkomplu jew le nagħtu prijorità lis-servizzi kollha, jekk jonqsux xi servizzi eżistenti, jew tingħatax enfasi lil oqsma oħra. Ħafna mis-servizzi tal-Knisja bdew f'kuntest differenti: f'soċjetà fejn ftit li xejn kien hemm servizzi oħra, realtajiet soċjali u demografiċi li nbidlu għal kollox, u fatturi

[33] *Gaudium et Spes*, 41.

oħra. Iċ-ċirkustanzi (speċjalizzazzjonijiet, nuqqas ta' vokazzjonijiet, finanzi, żviluppi oħra fil-psikoloġija u l-qasam soċjali, *fostering*, u oħrajn) qed iġibuna f'pożizzjoni li jekk mhux ser nieħdu l-inizjattiva u nagħmlu eżercizzju bħal dan, ser nispiċċaw bid-deċiżjonijiet jittieħdu fi kriżi u ddettati minnha.

Id-dmir li nagħmlu dan ġej ukoll mill-fatt li s-soċjetà qed tinbidel u magħha qed jinbidlu l-ħtiġijiet: ngħidu aħna, sa ftit snin ilu l-*bread fund* u l-*meat fund* tad-djar tat-tfal kienu jagħmlu sens, filwaqt li llum aħjar nitkellmu fuq ħtiġijiet oħra.

Id-deċiżjoni trid tikkunsidra:

- Min għandu bżonn servizz? (e.g. illum ftit hawn tfal iltiema jew tfal b'familji kbar)
- X'servizz hemm bżonn? Għadu żmien djar kbar? Jista' jonqos in-numru tat-tfal fid-djar tal-Knisja? Ikun aħjar għat-tfal li jgħixu ma' familja milli f'istitut?
- X'riżorsi għandha l-Knisja? Kif tista' tużahom l-aħjar?
- X'qed isir minn ħaddieħor? Ma rridux nikkompetu, jekk xejn għax ir-riżorsi f'pajjizna huma limitati. Anzi, il-Knisja "tieħu pjaċir bl-inizjattivi ta' ħaddieħor".[34]

## Sħubija

27

Il-Knisja f'Malta trid issaħħaħ is-sħubija f'dan il-qasam; hija konvinta li trid tagħti servizz lill-persuna u mhux issib persuni għas-servizzi tagħha.

- L-ewwelnett **sħubija fil-Knisja**. Huwa minnu li sħubija ma tfissirx ċentralizzazzjoni jew kontroll, imma jkollna nistqarru li n-nuqqas ta' kollaborazzjoni li teżisti huwa inaċċettabbli. Sħubija vera twassal għal servizz aħjar, billi naqsmu bejnietna r-riżorsi (umani, finanzjarji, u oħrajn), u nevitaw duplikazzjoni. Barra minn hekk, is-servizzi għandhom ikunu integrati aħjar fil-ħajja tal-parroċċa.

[34] *Apostolicam Actuositatem,* 8.

- **Sħubija ma' l-Istat**. Is-sħubija ma' l-Istat ma tfissirx li l-Knisja tagħti servizz u l-Gvern ikun hemm biss sabiex iħallas. Aktar ma jgħaddi żmien, il-Gvern qed jagħraf id-dmir tiegħu li jistabbilixxi *standards* minimi ta' servizz u dan il-Knisja taqbel miegħu. Madankollu nemmnu li hija responsabbiltà tas-soċjetà (u allura anke l-Gvern) li jingħataw numru ta' servizzi bażiċi. Il-Knisja għandha tkun lesta li tagħmel disponibbli r-riżorsi tagħha sabiex flimkien mar-riżorsi li l-Gvern jagħmel disponibbli jingħataw servizzi.
- Importanti li sħubija bħal din tkun tirrispetta **l-prinċipju tas-sussidjarjetà**.

Fid-dawl ta' l-esperjenza tagħha u ta' l-*audit* imsemmi, il-Knisja trid tistudja kif se torganizza dan il-qasam. Dan is-Sinodu jqis li r-relazzjoni bejn id-diversi organi involuti fl-organizzazzjoni u l-għoti tas-servizzi ta' djakonija (bħas-Segretarjat Caritas, Ordnijiet reliġjużi, u oħrajn) għandha tkun aktar ċara u trasparenti. L-istess jista' jingħad fuq ir-relazzjoni ta' dawn l-entitajiet mas-servizzi ta' qadi li jingħataw fuq livell lokali, parrokkjali u nazzjonali.



## Kap VI

# JEĦTIEĠ IMPENN MINN KULĦADD

## Il-ħtieġa ta' bidla

28

Dan it-tagħlim soċjali tal-Knisja mhux dejjem jissarraf f'għarfien u ħajja ta' l-individwi u l-komunitajiet insara. Kien hemm min qal li dan it-tagħlim huwa l-aqwa sigriet li għandha l-Knisja, għax ftit nies jafu kemm huwa tagħlim konkret li joffri mhux biss prinċipji li jgħinuna ngħaddu ġudizzju fuq sitwazzjonijiet partikulari, imma wkoll suġġerimenti prattiċi għal ħajja aktar umana.

Il-biċċa l-kbira minna huma konxji biżżejjed li d-dinja tal-politika, ta' l-ekonomija u tal-kultura teħtieġ bidla. Imma ħafna minna ma nistgħux naħsbu kif nistgħu nikkontribwixxu b'mod sinifikattiv biex inġibu din il-bidla; **għalhekk ma narawhiex bħala problema reliġjuża**.[35] Naslu biex ngħidu li dak li jrid Alla minna hu li nagħmlu mill-aħjar li nistgħu fi ħdan l-istrutturi li jeżistu, biex ngħixu ħajja "tajba". Allura nippruvaw biss li ma ndaħħlux abbużi ġodda fil-ħajja pubblika u nġibu ruħna b'mod ġeneruż u ta' qalb tajba kemm jista' jkun man-nies li nħabbtu wiċċna magħhom. F'għajnejn ħafna minna, il-qofol tal-vokazzjoni nisranija hu aktar marbut mal-ħajja privata u familjari tagħna, milli mal-ħwejjeġ pubbliċi bħall-ekonomija u l-kultura.

Aħna bħala ċittadini ġeneralment naraw li l-bżonn ta' bidla fl-istrutturi hi l-ħidma tal-politiċi jew ta' persuni pubbliċi oħra. Mill-banda l-oħra, ħafna politiċi u nies li jaħdmu fil-qasam pubbliku jħossuhom li jridu jaħdmu fi ħdan l-istrutturi li jeżistu u li ġew aċċettati mill-poplu. Għalhekk l-ebda grupp ma jieħu r-responsabbiltà għal dan il-ħażen li hawn fid-dinja; kulħadd jitfa' din il-ħidma biex ibiddel is-soċjetà fuq spallejn ħaddieħor... jew fuq Alla.

[35] Ara *Novo Millennio Ineunte,* 52: "L-aspett etiku u soċjali tal-kwistjoni huma elementi essenzjali tax-xhieda nisranija: jeħtieġ nieqfu lit-tentazzjoni li nipproponu spiritwalità privatizzata u individwalistika li ma taqbilx ma' dak li titlob minna l-imħabba, biex ma nsemmux l-implikazzjonijiet ta' l-Inkarnazzjoni u fl-aħħar analiżi tat-tensjoni eskatoloġika tal-Kristjaneżmu. Waqt li dik it-tensjoni ġġegħilna nagħrfu l-karattru relattiv ta' l-istorja, dan bl-ebda mod ma jfisser li għandna nibqgħu 'l bogħod milli 'nibnu' l-istorja. Hawn it-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II huwa f'waqtu aktar minn qatt qabel: 'Il-messaġġ nisrani mhux talli ma jbegħidx il-bnedmin milli jibnu d-dinja, u lanqas ma jġegħilhom jittraskuraw il-ġid tal-bnedmin l-oħra, iżda jorbothom bi dmir li jagħmluh' ".

## L-impenn ta' l-individwu

29

Fl-aħħar mill-aħħar, il-ġustizzja tinbena bid-deċiżjonijiet u l-għażliet "żgħar" li kull persuna tagħmel kuljum. It-tentazzjoni l-kbira hija li wieħed jingħalaq fih innifsu u jkejjel kollox b'xibru. Il-fidi timbottana biex negħlbu din it-tentazzjoni fundamentali, it-tentazzjoni tal-biża', biża' li jekk wieħed jaqsam dak li għandu ser jitilfu, u li jġiegħel lil dak li jkun iqis il-proxxmu tiegħu bħala l-kompetitur tiegħu. It-tentazzjoni kbira l-oħra hija l-qtigħ ta' qalb quddiem il-kobor tal-problemi u l-kumplessità tal-qagħda tal-bniedem.

Din il-fidi tibdel il-bniedem fi bniedem għall-oħrajn. Il-bniedem huwa xbieha ta' Alla għaliex kapaċi jmur lil hemm minnu nnifsu u jkun bniedem għal ħaddieħor, fis-solidarjetà. Is-solidarjetà mhix li wieħed jitħassar lill-ieħor, iżda "rieda soda u perseveranti ta' impenn b'riżq il-ġid komuni".[36] Din is-solidarjetà għandha tkun il-kejl u l-mutur wara d-deċiżjonijiet u l-għażliet iż-żgħar ta' kuljum.

Madanakollu l-individwu ma jistax jieqaf fl-atti individwali; għandu wkoll ifittex li jagħraf u jistudja l-għeruq ta' l-inġustizzja kemm biex huwa ma jkunx kompliċi f'qagħdiet inġusti kif ukoll biex jieħu sehem fil-ħolqien kif iridu Alla.

## L-impenn tal-familja

30

Il-familja hija ġeneralment il-post ewlieni fejn il-bnedmin jieħdu ħsieb xulxin. Hija wkoll l-ewwel skola ta' kompassjoni, maħfra, solidarjetà u ġustizzja.

[36] *Sollicitudo Rei Socialis*, 38.

Iżda l-familja ma tistax tikber jekk tkun magħluqa fiha nnifisha u tħares lejha nnifisha l-ħin kollu. Jasal il-mument li t-tfal li twieldu u kibru fil-familja jibdew familja oħra. Barra minn hekk, il-familja għandha tkun miftuħa biex toffri spazju fejn jiġu appoġġjati familji oħra biex jikbru persuni oħra. Hawn ħafna koppji maturi li joffru għajnuna lil koppji oħrajn li għadhom jibdew il-ħajja miżżewġa jew li jinsabu f'diffikultà. Eżempju ieħor mill-isbaħ ta' dan huwa l-*fostering* tat-tfal. Il-Knisja f'Malta, li kienet minn ta' quddiem li offriet dar għat-tfal li temporanjament ma setgħux jikbru fil-familja tagħhom, tħeġġeġ lill-membri tagħha sabiex joffru familja (aktar milli dar) lil dawn it-tfal.

## L-impenn tal-parroċċa

31

Minbarra dak li diġà għedna meta tkellimna fuq id-djakonija, inżidu li l-parroċċa għandha tqis il-ħidma favur il-ġustizzja bħala parti integrali mill-ħidma pastorali. Dan jimplika l-ewwelnett li l-parroċċa hija fid-dmir li tiżgura li m'hemmx persuni li d-dinjità tagħhom bħala bnedmin hija mkasbra minħabba l-qagħda tagħhom.

Hemm persuni li m'għandhomx post u li ma jistgħux jieħdu sehem sħiħ fil-ħajja tal-komunità; il-parroċċa għandha l-ewwelnett tkun taf min huma, u tirrifletti fuq x'qed iwassal għal din l-esklużjoni. Din ir-riflessjoni għandha twassal għall-azzjoni, mhux biss azzjoni assistenzjali, imma wkoll azzjoni biex teqred l-għeruq ta' l-esklużjoni.

Kultant dan jitlob illi nagħmlu arranġamenti fiżiċi fil-knejjes u l-bini tagħna (e.g. rampi), liturġija u sagramenti li jaħsbu f'min hu nieqes mid-dawl jew mis-smigħ, u ħwejjeġ bħal dawn. "Meta ma sseħibx lill-foqra fil-ġid tiegħek, int tkun tisraqhom".[37] Għandu jsir sforz akbar biex il-parroċċa

[37] San Ġwann Krisostmu, ikkwotat fil-*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, par. 2446.

tgħin lill-membri anzjani tagħha jħossuhom tabilħaqq apprezzati u inklużi fil-ħajja parrokkjali, mhux biss billi jkunu l-oġġett passiv tal-pastorali, imma billi jkunu attivi fil-ħidma pastorali.

Hawnhekk il-parroċċa ma tistax tingħalaq fiha nnifisha; f'parroċċa fejn hemm xi servizz partikulari, din għandha tqisu bħala parti mill-"karizma" tagħha u tagħmlu parti integrali mill-ħajja tagħha. Biex tassew ikunu ta' servizz għall-aħwa kollha, il-membri tal-parroċċa għandhom ukoll ifittxu kif jimpenjaw ruħhom "barra" l-parroċċa, jiġifieri f'komunitajiet oħra li jeħtieġu dan is-servizz partikulari.

## L-impenn tar-reliġjużi

32

Ħafna mix-xogħol ta' karità li jsir fil-Knisja f'Malta jaf il-bidu tiegħu lir-reliġjużi, u l-impenn tagħhom huwa xhieda ħajja ta' kemm hija ċentrali għan-nisrani l-ħidma għall-karità, il-ġustizzja u l-paċi. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet tagħhom edukattivi u karitattivi jiġbru madwarhom ħafna oħrajn fl-istess ħidma u bl-istess ispirazzjoni.

B'fiduċja fl-Ispirtu ta' Alla, il-Knisja f'Malta tittama li, minkejja n-numru dejjem jiċkien ta' reliġjużi, dan l-impenn jinżamm ħaj għas-snin li ġejjin. Tittama ukoll li r-reliġjużi jagħrfu kif iġeddu dan l-impenn, skond il-bżonnijiet ġodda ta' żminijiet mibdula, u l-għarfien ġdid tat-tifsira tiegħu.

Ir-reliġjuzi għandhom ikunu minn ta' quddiem mhux biss li jagħtu edukazzjoni għall-ġustizzja fl-iskejjel li jmexxu huma, imma wkoll li jagħtu xhieda awtentika ta' din il-ġustizzja fil-ħajja u l-għażliet kollha tagħhom. Għandhom iħabirku biex ifittxu kif jistgħu jkunu preżenti fost il-fqar il-ġodda ta' pajjiżna u ta' barra minnu, kif ukoll ifittxu kif jgħinu lill-Knisja f'Malta tifhem aħjar xi tfisser l-għażla tal-fqar billi huma jagħmlu din l-għażla b'mod aktar radikali, fost l-oħrajn billi jwaqqfu aktar komunitajiet li jmorru jgħixu fost il-fqar Maltin.

Jalla r-reliġjużi jkunu huma li jagħtu eżempju ta' mħabba nisranija u ta' professjonalità fis-servizzi li joffru, u ta' libertà fil-għażla u fit-tħollija ta' servizzi. Skond il-kariżma ta' kull Ordni u Kongregazzjoni, jaraw kif isaħħu l-impenn tagħhom favur il-ġustizzja, il-paċi u l-ħarsien tal-ħolqien, u kif isaħħu l-koordinament tagħhom f'dawn l-oqsma waqt li jaraw kif jużaw aħjar id-djar u l-istituzzjonijiet tagħhom favur il-ġustizzja, il-paci u l-ħarsien tal-ħolqien.

## L-impenn tal-għaqdiet u l-movimenti

33

Bħalissa l-għaqdiet u l-movimenti tal-lajċi huma forza qawwija fil-Knisja f'Malta u jiġbru fihom eluf ta' nsara Maltin impenjati fil-ħajja nisranija. Fl-istess ħin, filwaqt li hemm impenn ċar favur il-ġustizzja u l-karità minn uħud minnhom, kemm Malta kif ukoll barra, dan l-impenn m'huwiex dejjem prijorità ċara għalihom. Għandha tkun aktar ċara li parti mill-impenn u l-ħidma ta' dawn l-għaqdiet u l-movimenti – dejjem fil-ħarsien tal-kariżma tagħhom – hija l-ħidma favur dinja aktar ġusta u fejn l-imħabba favur dawk li huma fil-bżonn tidher fil-prattika. L-ebda ħidma għall-evanġelizzazzjoni ma tista' tħalli barra dan l-aspett essenzjali.

Dawn l-għaqdiet u movimenti tal-lajċi għandhom jaraw kif, skond ix-xewqa tal-Knisja, iwasslu t-tagħlim soċjali tal-Knisja lill-membri tagħhom, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq livell lokali u parrokkjali. Tkun ħaġa tajba li l-membri ta' dawn l-għaqdiet isibu l-inkuraġġiment biex jieħdu sehem attiv fil-ħajja pubblika, u li dawk il-membri li huma diġà impenjati isibu mill-għaqdiet tagħhom appoġġ u għajnuna fil-missjoni diffiċli li għażlu.

Tajjeb li jiżdied in-numru ta' dawk l-għaqdiet li jieħdu r-responsabbiltà tat-tmexxija ta' istituzzjonijiet jew ħidmiet karitattivi u ta' ġustizzja fi ħdan il-Knisja. Meta r-riżorsi tagħna qegħdin isiru aktar limitati, tajjeb li kulħadd jifhem il-qawwa li tinsab fi sforz komuni u fil-qsim ta' idejat, esperjenza u riżorsi.

## L-impenn tal-volontarjat

34

Il-volontarjat dejjem kellu sehem importanti fis-servizzi ta' djakonija tal-Knisja. Huma ħafna l-inizjattivi li jittieħdu u ħafna huma l-persuni li jieħdu sehem fihom, kemm żgħażagħ kif ukoll adulti. Għal ħafna hija esperjenza li tbiddlilhom ħajjithom, u saħansitra vokazzjonijiet ħarġu minn esperjenzi ta' volontarjat.

Waqt li nagħrfu l-bżonn ta' rimunerazzjoni lil min jagħti sehmu fil-ħidma tal-Knisja, anki biex dan is-sehem jingħata b'mod kostanti u professjonali, jibqa' l-fatt li tkun ħasra kbira jekk nitilfu dan il-valur tal-volontarjat fil-ħidma soċjali tal-Knisja. Huwa għalhekk meħtieġ li anke fil-programmi edukattivi, kif ukoll katekistiċi u ta' formazzjoni, nibdew inħajru saħansitra lit-tfal u lill-pre-adolexxenti għal inizjattivi ta' volontarjat biex dan il-valur jinbet sa miċ-ċokon fil-qlub ta' l-insara Maltin.

## L-impenn tad-djoċesi

35

Fil-konsagrazzjoni tiegħu, l-Isqof iwiegħed li juri ħniena u mogħdrija lill-fqar, lill-barranin u kull min hu f'xi ħtieġa minħabba isem il-Mulej. Id-djoċesi trid toffri tmexxija f'dan il-qasam ukoll, billi:

- trawwem fost il-Poplu ta' Alla kuxjenza evanġelika fejn tidħol il-ġustizzja, il-moralità pubblika, l-etika, u s-servizz bħala parti essenzjali tal-ħajja reliġjuza nisranija;
- iġġedded l-impenn tagħha f'dan il-qasam u turi bl-għażliet tagħha li għaliha dan huwa prijorità;
- tinkuraġġixxi u tkun hija minn ta' quddiem li tibda diskussjoni u dixxerniment fil-Knisja fuq xi tfisser fil-konkret l-għażla tal-fqar;
- tara li jkun hemm nies esperti fit-tagħlim soċjali tal-Knisja, u li

dawn iħabirku biex dan it-tagħlim jixtered u jdawwal kemm jista' jkun id-diskussjoni pubblika;

- tniedi kampanja kostanti kontra l-firda politika li teżisti fostna, u tinsisti l-ħin kollu, l-aktar fi żmien l-elezzjonijiet, li attitudnijiet bħal dawn m'humiex attitudnijiet insara.



## Kap VII

# KUMMISSJONI ĠUSTIZZJA U PAĊI

## Bżonn ta' struttura djoċesana għall-qasam tal-ġustizzja

36

Hemm bżonn li jkun hawn struttura permanenti fil-Knisja b'responsabbiltà speċifika għal dan il-qasam tal-ġustizzja. Minkejja d-diversi tentattivi biex titwaqqaf il-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi wara bidu mhux ħażin fl-aħħar tas-snin tmenin, din il-Kummissjoni ilha mhix kostitwita għal ħafna snin.

Jidher li dan ġara għaliex, minbarra n-nuqqas ta' riżorsi umani u materjali, kien hemm nuqqas ta' ċarezza dwar:

- il-missjoni tal-Kummissjoni;
- in-natura tagħha (id-dokumenti tagħha kinux tagħha jew ta' l-Isqfijiet);
- l-awtonomija (kinitx tista' tieħu pożizzjoni mingħajr ma tinforma lill-Isqfijiet).

## L-għanijiet tal-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi

37

Kemm jista' jkun malajr wara li jispiċċa s-Sinodu, tiġi kostitwita l-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi bil-għan li:

- tkabbar l-għarfien tat-tagħlim soċjali tal-Knisja fuq diversi livelli (parroċċi, skejjel, għaqdiet) permezz ta' kitba, *seminars*, *media*, korsijiet u ħwejjeġ oħra;
- tistudja l-impatt u l-implikazzjonijiet ta' żviluppi ekonomiċi, soċjali, leġislattivi, u oqsma oħra;
- tidħol fi djalogu strutturat ma' l-awtoritajiet, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili;
- tieħu pożizzjoni fuq sitwazzjonijiet speċifiċi, fid-dawl tat-tagħlim soċjali tal-Knisja.

Din il-Kummissjoni tkun imsaħħa bir-riżorsi umani u materjali

meħtieġa sabiex tkun tista' twettaq din il-missjoni importanti. Huwa wkoll essenzjali li din il-Kummissjoni tidħol f'kuntatt ma' kummissjonijiet u gruppi b'missjoni simili li diġà jeżistu fil-Knisja f'Malta u taħdem magħhom, kif ukoll li żżomm kuntatt ma' kummissjonijiet simili barra minn Malta.



# Kap VIII

# “MORRU FIL-PAĊI TA’ KRISTU”

## L-għeruq qegħdin fit-talb

38

Din hi l-isfida tal-ġustizzja: li naħdmu biex inbiddlu l-istrutturi li qegħdin joħolqu l-problemi soċjali. Il-bażi tat-tweġiba tagħna għal din l-isfida huma t-talb u l-liturġija, speċjalment meta nkunu miġbura madwar il-mejda ta' l-Ewkaristija. Il-ħidma għall-karità u l-ġustizzja li ma tkunx mibnija fuq relazzjoni personali ma' Kristu fit-talb malajr tispiċċa fix-xejn, filwaqt li liturġija li ma twasslilniex stedina ċara għas-servizz, għall-ġustizzja u fuq kollox għall-imħabba lejn xulxin tkun ritwal vojt estern, imbiegħed mill-Evanġelju.

Huwa fit-talb personali, fis-sehem tagħna fil-liturġija, fil-qari u l-għajxien tal-Kelma ta' Alla u fir-riflessjoni fuq il-vokazzjoni nisranija li aħna nistgħu nisimgħu u nifhmu s-sejħa li Alla jagħmel lill-bniedem biex ikun qaddej ta' dawk li huma fil-bżonn u jaħdem għall-ġustizzja. Lil dan Kristu nsibuh meta naqdu lil dawk li huma ċkejknin, u t-talba tagħna "Tiġi saltnatek" tkun vera daqskemm ngħixu u naħdmu biex dan iseħħ.

Irridu nkunu Knisja li tgħin lill-membri tagħha jagħrfu 'l Kristu kemm fil-qsim tal-ħobż kif ukoll f'dawk li ma għandhomx ħobż. L-Ewkaristija, ir-Rikonċiljazzjoni, il-Griżma ta' l-Isqof u s-sagramenti l-oħrajn għandhom dimensjoni ta' servizz u ġustizzja li jridu jidhru fil-mod kif niċċelebraw, nippridkaw u nitolbu.

## Inkebbsu t-tama

39

Is-sejħa "Morru fil-paċi ta' Kristu" hija tmiem iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija. Hekk kif aħna noħorġu 'l barra mill-Ewkaristija, irridu nħabbtu wiċċna mal-problemi kruċjali li jaffettwaw lil ħutna li huma vulnerabbli. Jekk nimxu bl-imħabba u l-ħniena, jekk inħallu l-Iskrittura u t-tagħlim soċjali tal-

Knisja jmexxuna, inkunu nistgħu nqabbdu dik ix-xrara ta' tama u ta' ħajja ġdida fil-komunità tagħna.

Biex dan iseħħ, il-Knisja teħtieġ poplu b'ħafna kariżmi. Dawk li jieħdu sehem f'din il-missjoni jridu jitgħallmu jaħdmu flimkien bħalma jagħmlu l-partijiet tal-ġisem. Xi wħud ikollhom ir-rwol ta' l-"ilsien", li jgħallmu u jippridkaw dwar din it-tema. Oħrajn ikunu l-"idejn" ta' din il-ġustizzja, merfugħa 'l fuq jitolbu 'l Alla jew li jqallbu l-ħamrija f'impenn aktar konkret u kollettiv f'din il-ħidma soċjali. Oħrajn jistgħu jkunu l-"għajnejn", li jiġbru l-informazzjoni dwar id-dinja fraġli tagħna u li jikkontribwixxu fi proġetti ta' analiżi soċjali li tista' ddawwal il-passi ta' kulħadd fil-mixja tal-ġustizzja.

Dan it-tagħlim tal-Knisja jkun effettiv daqskemm aħna naslu biex inwettquh fir-realtà. "Is-seklu u l-millennju li għadhom kemm bdew jeħtieġ jaraw – u nittamaw b'mod iżjed ċar – b'liema dedikazzjoni l-komunità nisranija taf tagħti lilha nnifisha fl-imħabba lejn l-aktar fqar"[38] u kemm jirnexxilha taħdem sabiex dawn ikunu integrati fis-soċjetà u, jekk jixtiequ, fil-komunjoni ta' ħdanha stess.

38 *Novo Millennio Ineunte,* 49.

*Pubblikazzjoni ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta, 2003*

*ISBN: 99932 - 49 - 13 - 0*